# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 4**

**3 ta' April 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2017 wara li kienu saru xi korrezzjonijiet meħtieġa.

4.1.2 Persuna avviċinat il-kunsill u talbet li tkellem lill-membri kollha flimkien. Is-Sindku taha l-permess illi nissospendu l-laqgħa sabiex jinstema' dan il-persuna li xtaq jitkellem mal-kunsilliera. Wara xi ftit minuti, il-laqgħa tkompliet skont l-aġenda.

### 4.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

4.2.1 Il-Kunsill irċieva kopja tal-avviż ta' infurzar dwar il-permess PA1673/15 li rreferiet għalih il-persuna li attendiet għal-laqgħa. Dan l-*enforcement* huwa dwar xogħol li sar mill-Ministeru għal Għawdex fejn biex tiġi iffurmata trejqa għar-raba saqwi li hemm f'tarf trejqet ir-Razzett twaqqa' l-plier li kien hemm fin-nofs. Għalhekk, fuq talba tas-sur Michael Cassar u bi qbil tal-kunsill, għandu jikteb lill-Ministeru għal Għawdex li bix-xogħol irresponsabli li sar, tkisser dan il-plier, għalhekk ntalab li jerġa' jsir. Ġie deċiż li tinkiteb emejl lid-DPD.

4.2.2 Mill-minuti xtaq jgħid li fejn is-Sur Horace Micallef qal li l-attivita' tal-Furjana hi nazzjonali, mhuwiex il-każ għaliex din tkun saret mill-Kunsill. Hija nazzjonali dik biss li tkun saret mill-Gvern Ċentrali.

4.2.3 Saret laqgħa l-Għarb mal-Onoervoli Buontempo u ġibed l-attenzjoni fuq diversi punti fejn:
- Qed joħorġu skemi ta' restawr li japplikaw biss għal Malta. Kompla jgħid illi jekk ma hux possibli li jsir restawr mill-ħaddiema tal-gvern, talab li l-kunsilli Għawdxin jingħataw fondi biex iwettqu xogħol ta' restawr;
- Semma li żiedu l-budget tal-kunsilli b'4 miljun Ewro pero minkejja dan, il-kunsill tal-Fontana żdied biss b'€4,000;
- Ċertu kunsill partikolari qed jibbenifika xorta fl-iskema attivitajiet kulturali minkejja li ssir mal-festa ta' San Publiju filwaqt li hawn nuqqas kbir ta' skemi

għal proġetti. Dan għaliex f'amministrazzjoni preċedenti il-kunsill tal-Fontana kien jibbenifika b'ħafna skemi;
- Ir-Reġjun talab għal żieda ta' diversi lampi fit-toroq madwar Għawdex u talab jintervjeni sabiex ir-Reġjun jingħata dawn il-fondi;
- Semma wkoll kif il-WSC minn Novembru għadhom ma tawx risposta lill-kunsill dwar jekk hux ser jibdlu s-servizzi tal-ilma fi Triq il-Għajn jew le.

4.2.4 Il-ħlas tal-Lands Department ġiet *'settled'*, filwaqt li l-garanzija tan-niċċa tal-Kunċizzjoni tkellem mal-BOV sabiex tiġi mwaqqfa din il-garanzija permezz ta' formola.

4.2.5 Ħareġ il-permess mill-PA biex isiru t-trejqiet u l-isqaqien bil-porfido.

4.2.6 Tal-Lifelong Learning saret l-applikazzjoni għal diversi korsijiet u meta jasal iż-żmien ikun tajjeb li tintbagħat ittra lir-residenti. Is-Sur Horace Micallef staqsa dwar il-korsjiet ta' Dar il-Għaqal u l-membri ġew infurmati li l-korsijiet se jibdew fl-aħħar ta' April u se jsiru fil-Kunsill ta' Sannat.

4.2.7 Tlestiet il-manutenzzjoni tal-kurduna ta' Triq il-Għajn mill-ħaddiem tal-kunsill.

4.2.8 Fuq it-tabella merħba tal-HSBC, is-Sindku talab li naraw tajjeb il-kuntratt x'jgħid minħabba li dawn talbu sabiex l-iskrivan jieħu t-tabella hu Malta u dan mhux aċċettabli.

4.2.9 Saret il-manutenzjoni tal-'*gym equipment*.'

4.2.10 Mil-laqgħa li kienet saret mall-Ministeru għal Għawdex għaddew għaxar xhur u sa llum għadu ma twettaq xejn għalhekk għandha tintbgħat ittra għal dan il-għan kif ukoll oħra dwar il-proposta li kien bgħat il-kunsill fuq talba tal-Ministeru għal Għawdex dwar il-proposti mressqa mill-kunsill għal xogħolijiet ta' Eko Għawdex, biex naraw x'se jsir minn dawn il-proposti li kienu tressqu għal proġetti Eko-Gozo.

4.2.11 Minħabba li l-Prim Ministru huwa l-ministru responsabbli mill-WSC, jipproponi li l-kunsill jikteb ittra lilhu u jinforma lir-residenti li dawn minn Novembru l'hawn ma tawx risposta sabiex toħroġ l-offerta għat-tarmak fi Triq il-Għajn. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ċemplet kemm il-darba u ġiet infurmata li qed jistennew il-file minn Malta.

4.2.12 Is-Sindku semma li wasal iż-żmien li jitħawwlu xtieli ġodda fil-qsari ta' Triq Gaspard le Merchant u Triq Alessandro Franchi. Żied jgħid illi jekk il-membri jaqblu jerġa' jitqabbad is-Sur Leli Conti sabiex isaqqihom u jiħallas €10 kull darba.

4.2.13 L-ilment ta' Ġuzepp Grima, 'r-railing' li xtaq ma tistax issir għaliex qiegħda fil-privat.

4.2.14 Informa l-membri li ġiet ordnata l-bandiera tal-kunsill u Michael Muscat kellu jiġi jnaddaf is-siġġijiet mtebba, 15 il-wieħed. Is-segretarja nfurmathom illi l-bandiera u s-siġġijiet huma lesti.

4.2.15 Is-Sindku staqsa jekk il-WSC hux qed iħallsu u jagħmlu permessi meħtieġa sabiex iqattgħu fit-toroq. Is-Segretarja nfurmat li se tiċċekja kif taħdem eżatt din is-sistema l-ġdida tar-'Road Permits' sabiex jittieħdu l-passi neċessarji. Semma li hemm toroq li ġew diżastru minħabba dan it-tqattih u jekk il-kunsill mhux jiġi nfurmat għandna nibgħatulhom bl-avukat.

4.2.16 Is-Sindku nforma illi l-Latrina mhix tiġi miftuħa fil-ħinijiet li suppost u dan mhuwiex aċċettabli. Għalhekk talab illi tinkiteb ittra bħala twissija fejn għandu jiġi nformat illi jekk ma jirregolax ruħhu, ser tinżamm il-garanzija bankarja u jiġi terminat il-kuntratt. Is-Sindku Żied jgħid li hemm il-mixer li jrid jinbidel u għalhekk is-Sur Horace Micallef Żied illi għandu jiġi mogħti żmien sabiex jibdel dan il-mixer u fin-nuqqas ta' dan, dan se jinbidel mill-kunsill u jinżammu l-ispejjeż.

4.2.17 Is-Sindku nforma lill-membri li tkellem ma' Raymond Bonello dwar l-innu tal-Fontana li ser isir in-naħa ta' wara tal-Monument tas-Sajjieda u dan irid ħlas extra tal-faxxi żejda li jridu jiġu fil-ġnub, u għalhekk il-membri qablu li nitolbuh stima ġdida sabiex tinkludi dan ix-xogħol miżjud. Dan ġab *'sample'* tal-irħama li qegħda fl-uffiċċju.

**4.3 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2017, Rapport Finanzjarju għar-Raba kwart tas-sena 2016 u Business Plan 2017-2019.**

4.3.1 Is-Segretarja Heidi Grech spjegat il-kontenut tal-Budget għas-sena 2017 kif ukoll tal-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2017-2019. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-membri.

**4.4 Rapport ta' Evalwazzjoni tat-Tenders**

Il-membri ġew infurmati li saret il-laqgħa sabiex evalwaw l-offerti għal patching fi Triq il-Kappillan Ġużepp Ħili u resurfacing ta' parti minn Triq J. Gaspard le Merchant. Ġie ppreżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni taż-żewġ tenders FLC01/2016 u FLC02/2016. Ġie spjegat illi fiż-żewġ tenders kien hemm żewġ offerti preżentati minn Gatt Construction u Road Construction u fiż-żewġ każijiet kienu r-Road Construction li ppreżentaw l-aħjar offerta li kienet ukoll 'compliant' mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Il-Bord tal-evalwazzjoni kien talab klarifikazzjoni sabiex ikkonferma li l-ammont kien qed jinkludi l-VAT u dan ġie konfermat miż-żewġ kuntratturi.

Dawn iż-żewġ rapporti ġew iffirmati fil-preżenza tal-membri.

**4.5 Iffirmar tal-Kuntratt ta' l-iskema assistenza finanzjarja għall-korsijiet tal-*'lifelong learning 2016-2017'* u ċertifikazzjoni tal-invoices u rċevuti.**

4.5.1 Il-membri ġew infurmati bl-imejl li l-kunsill irċieva mid-dipartiment datata 9 ta' Marzu 2017, fejn ġie mitlub li jiġi ffirmat il-kuntratt u jiġu ppreżentati kopji awtentikati tal-fatturi oriġinali kif ukoll l-irċevuti fiskali relattivi li jridu jkunu ċertifikati korretti mill-*'accountant'* tal-Kunsill Lokali. Dan il-kuntratt u ċertifikazzjoni uffiċċjali ġew preżentati fuq il-mejda u tali dokumentazzjoni flimkien ma' ritratti tal-mwejjed mixtrija ġew approvati mill-kunsill sabiex jintbagħtu lid-Dipartiment. L-ittra ta' dikjarazzjoni ġew iffirmati mis-Sindku u s-segretarju eżekuttiv fil-preżenza tal-membri.

Il-membri ġew infurmati illi l-kunsill reġa' applika sabiex jerġgħu jsiru korsijiet oħra u żied ukoll diversi korsijiet ġodda fosthom korsijiet tal-Malti.

**4.6 Materji Oħra**

4.6.1 Fit-28/02/17 ġie miktub lill-Planning Authority dwar PC003/17 u infurma lill-kunsill li jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, awtomatikament il-'proposed cul-de-sac' se ssir pubblika. Is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef kienu xettiċi dwar dan. Il-PA qalu wkoll li Triq is-Sajjieda mhux se tkun affettwata b'din il-proposta. Is-Sindku talab illi l-kunsill għandu jressaq l-punti tiegħu lill-PA għaliex f'każ ta'

din l-eventwalitaa li ssir pubblika, il-kunsill se jiġi affetwat f'dak li għandu x'jaqsam fl-ispejjeż biex tiġi mdawla din il-*cul-de-sac*. Il-membri qablu ma dan.

4.6.2 Tqassam avviż fid-djar tal-lokalita' b'informazzjoni dwar l-iskema 'Irrestawra Darek', kors 'Għaqal fid-Dar, Ħajja Aħjar' u biex ir-residenti jiġbru l-boroz tal-iskart riċiklabbli mill-uffiċċju tal-kunsill.

4.6.3 Fl-24/02/17 inkitbet emejl lid-DLG fejn ġie mitlub illi l-WIFI jiġi estiż sa fuq iz-Zuntier. Fid-9 ta' Marzu ġew żewġ uffiċċjali mid-DLG biex jattivaw żewġ punti ta' WIFI ġodda. Dawn ġew miżjuda fil-kantuniera ta' bejn it-Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Marchant. Il-punt l-ieħor twaħħal fi Pjazza l-Għejjun eżatt ħdejn il-Fontana Cottage Industry. Fuq iz-zuntier irriżulta li kien diġa hemm WIFI b'saħħtu.

4.6.4 Il-bins li kienu nxtraw żejda ntbagħtu lura, tħallsu €23.60 Vat inkluż għall- kurrier u l-kunsill irċieva credit note ta' €737.21.

4.6.5 Il-Bins bħal taċ-Ċittadella huma mingħand Anton Żarb għall-prezz ta' €460.20. Il-Kunsill qabel li tintalab *sample* taz-zewġ *bins* proposti.

4.6.6 Intalbet aktar informazzjoni lil Amanda Bezzina dwar t-talba tagħha għal Child Care Centre u inbagħtet lura aktar informazzjoni.

4.6.7 Emejl mingħand id-DLG fejn ġie mitlub li l-kunsill jagħti l-miżuri u l-inizjattivi li ttieħdu rigward is-Saħħa u s-Sigurta fuq il-post tax-xogħol sal-10 ta' Marzu. Dan wara li kienet oriġinarjament intbagħtet ittra mill-OHSA. Intbaghtet r-risposta, inxtrat *first-aid kit* u jrid isir xogħol sabiex titqabbad persuna kwalifikata sabiex isir 'risk assessment' kif ukoll jintbagħtu il-ħaddiema għal taħriġ dwar 'first-aid' u anke 'fire training' kif inhu meħtieġ skont il-liġi.

4.6.8 Fl-10 ta' Marzu emejl lis-Sur Naudi mill-HSBC u flimkien ma' ritratti tat-tabelli tal-Fontana sabiex dawn ikunu jistgħu jergghu jingħataw il-kulur. Il-kuntratt bejn il-partijiet instab u ġie 'filed'.

4.6.9 Intbagħtet l-applikazzjoni sabiex jerġgħu jsiru l-korsijiet tal-'life-long learning' u l-kunsill applika għal 3 korsijiet ġodda li huma tnejn dwar il-Malti u ieħor tal-Monasteru.

4.6.10 Emejl mingħand Is-Sur Roger Mamo li nforma li l-programm Għaqal id-dar se jsir fil-Kunsill ta' Sannat kull nhar ta' Sibt bejn id-9.00a.m. u l-11.00a.m. bl-ewwel sezzjoni mistennija tibda is-Sibt 29 ta' April 2017.

4.6.11 Intalab 'Ledger history' dettaljat tal-pagamenti li ħarġu għall-ħlas tal-kera lil-Lands sabiex saret ir-rikonċiljazzjoni u hekk jista' jitħallas il-bilanċ dovut għat-Tenements. Intalbu wkoll kopji tal-kuntratt li hu nieqes fil-kunsill u anke għall-kopji tal-'invoices' neqsin. Kollox ġie 'filed'.

4.6.12 Wasteserv informa li l-kuntratt tal-iskart organiku 2016 ma kienx ġie ffirmat mill-kunsill u minkejja li l-invoices kienu saru jidhru la ma kienux daħlu fis-sistema tagħhom u għalhekk issa għaddiethom lill-finance department.

4.6.13 Intbagħtet emejl lil TM fejn saret it-talba għal mera fi Triq l-Isptar San Ġiljan, faċċata ta' San Ġiljan Court. Intalab ukoll sabiex jinfurmaw lill-kunsill jekk il-mera li preżentament tinsab quddiem propjeta numru 39, fl-istess triq għandhiex il-permessi meħtieġa. Intbagħtu r-ritratti u 'site plans' neċessarji. Il-kunsill irċieva risposta dwar il-mera ta' quddiem propjeta numru 39 fejn qalu li din il-mera ġiet approved għal *'safety reasons'*. Is-Sindku irrimarka li din il-mera li kienet hemm minghajr permess saret mill-Ministeru għal Għawdex u issa giet approvata sabiex jimxu n-nies fit-triq. Il-Kunsill qabel li jintbagħat 'reminder' ghall-permess tal-mera fi Triq l-Isptar San Giljan, quddiem San Giljan Court. Dan hu l-ewwel kaz li jaf bih biex jimxu n-nies fit-triq, maħruġ minn Transport Malta.

4.6.14 Fid-9 ta' Marzu 2017 inkitbet ittra lid-Direttut DLG fejn saret talba sabiex jinforma lill-kunsill kif għandu jipproċedi ġaladarba l-minuti tal-4 ta' Marzu 2016 baqgħu ma sarux. Hu wieġeb li għadda l-emejl lill-*Monitoring Unit*. Is-Segretarja nfurmat lill-kunsill li ġiet mitluba tikkonferma li ma ġietx mogħtiha dawn il-minuti.

4.6.15 Fl-14 ta' Marzu 2017 intbagħat DVD ta' feature, li ntwera fil-festa ta' Ġunju 2016 mill-Kumitat Zgħażagħ Fontanin, b'posta reġistrata lis-Sinjura Karen Polidano Zahra biex jintwera fil-programm ġewwa l-Canada.

4.6.16 Sar kuntatt mal-PA u anke mal-BOV sabiex tiġi released il-garanzija bankarja numru G24TFC31227. Il-PA nfurmat lill-kunsill li ma għandhomx kopji ta' din il-garanzija u fl-uffiċċju ma nstab xejn. Din il-garanzija qiegħda tiġi mġedda awtomatikament mill-BOV. Għalhekk issa ser jintalab li tiġi ffirmata dikjarazzjoni miż-żewġ partijiet sabiex din tkun tista tiġi rilaxxata.

4.6.17 Intalbet l-informazzjoni lir-Reġjun Għawdex dwar il-proċeduri ta' bozoz ġodda. Ir-risposta kienet li f'każ ta' bozoz ġodda irid isir ħlas għal 'maintenance' tagħhom mill-kunsill. Bozoz oħra jsir il-'maintenance' tagħhom permezz tas-sistema ta' Galea Curmi. Issa jrid jintalab aċċess għal din is-sistema.

4.6.18 L-applikazzjonijiet ta' Irrestawra darek s'issa daħlu 10 applikazzjonjiet fejn minn dawn l-kunsill se jieħu €50 għal kull applikazzjoni li tiġi milqugħa.

4.6.19 Rigward l-invoice pendenti ta' Rapa Showrooms. Kienet saret purchase order ffirmata mill-eks-Segretarju Eżekuttiv S-Sinjura Odette Camilleri u għalhekk s-Segretarju Eżekuttiv isuġġerixxiet li din għandha titħallas.

4.6.20 Fit-23 ta' Frar 2017, intbgħatet l-ittra lil-avukat għal parir legali dwar il-liċenzja tal-Kummerċ u Assigurazzjoni tas-Saħħa. Tweġiba waslet fil-kunsill fl-24 ta' Marzu 2017.

4.6.21 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet kemm il-darba ma' George Micallef dwar is-servizzi ta' Water Services fi Triq il-Għajn biex tara fejn waslu dwar il-proposti tal-kunsill u qal li qed jistenna l-file lura minn Malta.

4.6.22 Emejl liċ-Ċentru ta' Għajnsielem u dawn infurmaw li mil-lokalita' qed jattendu 247 anzjan/a fis-sena.

4.6.23 Ġie approvat il-Performance Bonus tal-ex Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Odette Camilleri. Fit-23 ta' Frar ġiet mitluba linja gwida ta' meta għandha tiġi kkalkulata bħala l-ġurnata ta' terminu tagħha u s-Sinjura Maria Zammit infurmat li din għandha tkun l-aħħar ġurnata li effettivament ħadmet fil-kunsill jiġifieri sal-14 ta' Marzu 2016.

4.6.24 Il-Kuntratt ta' Servizzi ta' Perit skada fil-25 ta' Frar 2017. Il-Membri qablu illi ghandu jitkompla miegħu ix-xogħol li ngħata matul din l-aħħar sena u jekk jinħolqu xoghlijiet godda l-kunsill għandu jsib lil xi hadd iehor. Is-Sindku ppropona u l-kunsill qabel li l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku jitkompla mill-Perit Gordon Vella.

4.6.25 Inxtraw il-karti A4, box files u xi stationery zgħira li kienu neqsin flimkien ma' siġġu għas-segretarju eżekuttiv.

4.6.26 Sar il-formatting tal-kompjuter tas-segretarju u ttieħed ukoll l-kompjuter tal-iskrivan għat-tiswija għax waqaf jaħdem. Irriżulta li kien fih xi ħmieġ fuq ir-RAM.

4.6.27 Fl-14/03/17 intbagħtet ittra flimkien mal-invoice u rċevuta sabiex il-kunsill jingħata l-għajnuna finanzjarja tal-'live streaming' għall-ammont ta' €849.25.

4.6.28 Trenching Notification PA/00837/14.

4.6.29 Il-Kunsill ingħata €2000 mill-Wasteserve talli ġie t-tielet fil-parteċipazzjoni tal-'Organic Waste' għal Għawdex. Irid jiġi ppreżentat l-'invoice' u rċevuti li jkopru x-xiri ta' investiment b' benefiċċju ambjentali. Is-Sindku irrimarka li kif ikunu jafu l-ammont ta' żibel tal-kunsill meta dan qed jitħallat ma' ta' Kercem. Żied jgħid illi jekk il-kunsill jaqbel jinxtraw bins għat-toroq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-kunsill qabel.

4.6.30 Emejl mingħand Local Gov Association dwar il-ħlas ta' €20 dovut lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jrid jitħallas sas-7 t'April 2017.

4.6.31 Emejl mingħand l-avukat Grech fejn infurma li plans ġodda dwar PA/06736/16 dwar l-izvilupp ta' Fontana Cottage Industries daħlu l-PA. Inkitbet emejl lill-perit tal-kunsill sabiex jivverifika u illum bagħat l-pjanti l-ġodda. Dawn il-pjanti ġew mgħoddija lill-avukat Dr. Grech, biex iwieġeb f'isem il-kunsill.

4.6.32 Invit mingħand Soċjeta Santa Marija u Banda Re Ġorġ V Mqabba għal kunċert li se jsir fl-1 t'April 2017 fl-Imqabba.

4.6.33 Fis- 27 ta' Frar intbagħtet ittra b'posta reġistrata lis-Sur George Sacco sabiex jieħu l-prekawzjonjiet meħtieġa fuq il-gradi li jinsabu fuq il-bankina tiegħu.

4.6.34 Fit-22 ta' Marzu inkitbet ittra lis-Sur Raymond Bonello sabiex formalment tiġi ordnata irħama bl-innu tal-Fontana mill-ġebla tal-qawwi bħal ma kien ġie deċiż fil-laqgħa ta' Ottubru 2016. Dan għal prezz ta' €885 Euros skont l-istima preżentata minnu f' Diċembru 2016.

4.6.35 Emejl mingħand is-Sinjorina Victoria Gatt fejn talbitna sabiex iżżomm sessjoni taz-Zumba darba f'ġimgħa matul ix-xahar ta' Mejju. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

4.6.36 Ittra mingħand id-Direttur dwar l-iskema attivitajiet kulturali fejn il-kunsill ġie nfurmat li se jinbiddlu l-kunċetti.

4.6.37 Is-siġġijiet ittieħdu, tnaddfu u ġew miġjuba lura fis-sala tal-Kunsill mis-Sur Michael Muscat.

4.6.38 Il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2017 sar l-audit tal-kunsill fejn ġie s-Sur Daniel Camilleri mill-RSM.

4.6.39 Risposta għall-parir dwar il-kwistjoni tal-polza ta' assigurazzjoni u liċenzja tal-kummerċ, u din it-tweġiba nqrat waqt il-laqgħa. Il-liċenzja tal-kummerċ għandha titħallas mill-kunsill u rigward il-polza tal-assigurazzjoni, l-avukat hu tal-parir li jitnaqssu mill-performance bonus. Is-Segretarja irrimarkat illi l-kunsill għandu javża lis-Sinjura Camilleri qabel ma naqtgħu l-ammont pero l-membri ma ħadux deċiżjoni dwar dan.

4.6.40 Talba minghand il-Paroċċa sabiex ngħinu fl-ispejjeż tad-dramm li se jittella' miż-żgħażagħ u li jista' jsir bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill. Ġiet diskussa ċ-ċirkulari numru 38/2016 datata 3 ta' Novembru li tgħid illi l-kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet u għalhekk ghandha tinaghta kopja lill-kappillan sabiex jingħalaq il-każ. Is-Sindku qal li l kunsill kull meta ġie mitlub dejjem ta l-għajnuna ħlief għal Sportfest li sar f'Awwissu li għadda meta l-kunsill ma ntalabx l-għajnuna għat-*trophies* peress li għall-ewwel darba sar mill-parroċċa waħedha.

Is-Sindku ppreżenta xi dokumenti li riedu jiġu mehmuzin mal-minuti tal-passat.

**4.7 Qari tal-Korrispondenza**

4.7.1 Imejl mingħand TM biex jinfurmaw li kull min jagħlaq 18-il sena din is-sena 2017 jista' juża tal-linja b'xejn għal sena.

4.7.2 Imejl mingħand Local Government Association bl-aġenda u l-minuti tal-laqgħa flimkien mad-data tal-laqgħa li jmiss li saret fl-4 ta' Marzu 2017.

4.7.3 Imejl mingħand Għaqda Filantropika Talent Mosti biex jistiednu lill-artisti lokali sabiex jipparteċipaw fi proġett 'Get your act together.'

4.7.4 Imejl mingħand Dr. Fortunata Randisi fejn qed titlob li tagħmel appuntament mal-kunsill sabiex tiddiskuti proposta għal 'water distributor.'

4.7.5 Imejl mingħand MTA fejn qed isir enfasi li ħadd ma jista jagħmilha ta 'tourist guide' jekk dan ma jkollux l-liċenzja meħtieġa li taqa taħt Chapter 439.

4.7.6 Imejl mingħand DLG bħala tfakkira dwar l-'Urbact Good Practice Call' li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2017.

4.7.7 Imejl mingħand DLG sabiex jinformaw u jistiednu l-parteċipazzjoni tal-kunsill għal 'Eurocities Environment Forum' li saret f'Antwerp bejn il-15 u s-17 ta' Marzu 2017.

4.7.8 Imejl mingħand DLG, s-Segretarju tal-Kumitat għat-Tismija tat-toroq, fejn qed jitolbu li l-kunsill jipparteċipa għal-laqgħa tar-Reġjun li se ssir fil-Ministeru għal Għawdex fl-20 ta' Marzu 2017 fit-15.00.

4.7.9 Imejl mingħand Greenpak sabiex jinfurmana dwar l-iskema 'Batree'. Il-Kunsill għamel kuntatt ma Greenpak sabiex jiġu jiġbru l-batteries li għandna.

4.7.10 Talba mil-parroċċa sabiex il-kunsill jgħin għad-dramm bl-isem 'Is-seba' Kelmiet' li se jsir l-Erbgħa 12 ta'April 2017.

4.7.11 Invit mingħand il-Ministeru għal Għawdex biex nipparteċipaw f'sezzjoni oħra ta' Gvern li jisma li saret fis-17 ta' Marzu ġol-pjazza tax-Xewkija.

4.7.12 Stedina mingħand DLG għal laqgħa li ser issir mill-Onorevoli Stefan Buontempo mar-Reġjun Għawdex u l-kumitati amministrattivi fl-istess reġjun nhar is-Sibt, 25ta' Marzu bejn id-9.30 u 12.30. Il-membri kienu nnotifikati b'dan.

4.7.13 Imejl mingħand 'Arts & Culture Magazine' fejn taw il-possibilta sabiex jippublikaw xi attivitajiet kulturali tal-lokalita' bla ħlas.

4.7.14 Imejl mingħand l-Ispettur Bernard Spiteri sabiex jinfurma u jitlob sabiex il-kunsill jattendi għal laqgħa li kienet se ssir it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017 fl-għassa tar-Rabat Għawdex.

4.7.15 Imejl mingħand is-Sinjura Amanda Cassar mid-Dipartiment tal-Kummerċ fejn infurmat dwar kompetizzjoni għal premju għal Apoġġ lill-Intrapriża 2017. Il-membri innotaw il-kontenut.

4.7.16 Imejl mingħand DLG dwar l-Istqarrija għall-istampa maħruġa mill-Kummisjoni Elettorali fit-3 ta' Marzu 2017. Dan sabiex il-kunsill jigi nfurmat li qed isir reviżjoni tar-reġistru elettorali u dawk li xtaqu jirreġistraw nfushom jew isir xi tibdil/korrezzjoni setgħu jagħmlu dan sal-31 ta' Marzu 2017. Din twaħħlet fin-'noticeboard' tal-Kunsill. Il-membri innotaw il-kontenut.

4.7.17 Imejl mid-DLG fejn għaddew imejl mingħand il-Konsolat Ġenerali tal-Awstrija f'Malta dwar sejħa għal *scholarship* letterarju *'Writer of the City of Graz'*. Il-membri innotaw il-kontenut.

4.7.18 Imejl mingħand MPDA fejn qed jinfurmaw li qed jaħdmu fuq proġett sabiex joħolqu l-ħolqien ta' kuxjenza dwar min ibati b'din il-kundizzjoni u għalhekk qed jitolbu l-għajnuna tal-kunsilli kollha sabiex jkun jista jitwassal dan il-messaġġ. Dan permezz ta' ħlas ta' €100 għal pakkett ta' nformazzjoni.

4.7.19 Irċevejna Cirkulari numru 8/2017 mid-DLG dwar l-attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali. L-membri innotaw il-kontenut.

4.7.20 Imejl mingħand DLG dwar il-Post ta' 'Principal Technical Officer' fil-'Courts of Justice' f'Malta. Il-membri innotaw il-kontenut.

4.7.21 Imejl mingħand il-Kunsill Lokali tal-Għarb fejn stiednu lill-kunsill sabiex jattendi għall-infiorata li saret fl-10 ta' Marzu fl-okkaŻŻjoni tal-laqgħat tar-Reġjuni matul it-triq għaċ-Ċittadella. Il-membri kienu nfurmati b'din l-istedina.

4.7.22 Imejl mingħand DLG bi staqrrija maħruġa mill-Assoċċjazzjoni tas-segretarji Ezekuttiv tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, l-ANSEK. Din l-istqarrija urit id-dispjaċir għat-tneħħija mill-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

4.7.23 Imejl mid-DLG dwar Cirkulari numru 21 M4.3 'Funds For Rural Roads' fejn infurmaw li l-kunsill seta' talab l-informazzjoni dwar bdiewa reġistrati li setgħu jibbenifikaw min din l-iskema, u li huma fil-konfini tal-lokalita'. Is-Sindku qal li l-uniku trejqa li kellna ser issir mill-Ministeru għal Għawdex fejn ħareġ Stop Notice tal-PA f'tarf Trejqet ir-Razzett.

4.7.24 Cirkulari numru 2/2017 għal 'Position of Monitoring Officer in the DLG'. Il-membri innotaw il-kontenut.

4.7.25 Cirkulari numru HR/MG3/2017 għal 'Post of Principal Legal Officer' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-membri nnotaw il-kontenut.

4.7.26 Imejl mingħand DLG dwar 'Interreg Italia-Malta Programme 2014-2020.' Il-membri innotaw il-kontenut.

4.7.27 PA's maħruġa mill-Planning Authority li ġew ippublikati f'Marzu fejn is-Sindku għamel referenza għall PA/01994/17 u għalhekk għandha ssir talba għal kopja tal-pjanti lill-Planning Authority peress li hija ODZ.

4.7.28 Imejl mingħand Galea Curmi dwar il-bżonn ta' ħruġ għal tender ġdida fuq installazzjoni u manutenzjoni ta' bozoz ġodda. Għalhekk stiendu lill-kunsill għal laqgħa fil-15 ta' Marzu fis-6p.m. ġol-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Il-membri ġew notifikati b'din il-laqgħa.

4.7.29 Imejl mingħand LGA (Local Gov Association) fejn infurmat li kienet ser issir laqgħa dwar il-manutenzjoni tal-'playing fields', it-Tlieta 7 ta' Marzu fil-5.pm. Il-membri nnotaw il-kontenut.

4.7.30 Fl-14/03/17 il-kunsill irċieva l-'Full Development Permission' biex isir l-'Embellishments in various alleys/streets' fil-Fontana.

4.7.31 Cirkulari numru DCM195/2016 mingħand Dept tal-Edukazzjoni dwar il-Premju Frans Sammut.

4.7.32 Imejl mingħand Reġjun Għawdex dwar il-laqgħa tar-reġjun li ser tinżamm is-Sibt 25 ta' Marzu fit-8.30a.m. fil-kunsill tar-Rabat.

4.7.33 Imejl mingħand Is-Sur Ronald Bugeja li huwa awtur u kittieb biex Jinfurma li fi 30 t'April 2017 ser issir edizzjoni oħra ta'Gozo for ALS 2017. Din is-serata se isir fejn il-heliport fix-Xewkija u Għajnsielem.

4.7.34 Imejl mingħand Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ fejn qed iffakru sabiex il-kunsill iħajjar ż-żgħażagħ jipparteċipaw.

4.7.35 Imejl mid-DLG fejn talbu sabiex il-kunsill jinforma lid-dipartiment bl-isem tal-persuna li ġiet nominata bħala deputat segretarju tal-Kunsill. B'referenza għal ċirkulari numru 16/2016. Is-segretarja qalet li intalbu linja gwida mid-dipartiment. Is-Sindku qal li ġie nominat is-Sur Attard.

4.7.36 PA notices li ġew ppublikati fit-22 ta' Marzu 2017 u gew prezentati fuq il-mejda tal-kunsill.

4.7.37 Notifika u kopja ta' nfurzar dwar Trejqa wara l-Idjar fi Triq Għajn Tuta, Fontana. Enforcement No: 00048/2017.

4.7.38 Talba mingħand 'Works & Infrastructure Dept' fejn sabiex jingħataw informazzjoni dwar bjar u reservi tal-ilma fil-lokalita'. Is-Sur Ryan Debrincat jixtieq jiltaqa' mal-kunsill biex jitkellem dwar dan. Is-Sindku qal li ma hemmx għalfejn imma l-kunsill jista' jinfurmah bil-ġiebji ezistenti, li huma, l-Ġiebja tal-Kunsill u l-Ġiebja li tiġbor l-ilma tal-Għajn ta' Bendu u l-ilma tal-Għajn il-Kbira li qeghdin taħt il-Fontana Cottage.

4.7.39 Imejl mingħand TM b'lista tat-toroq li se jkunu magħluqin għall-purċissjoni tar-Randan.

4.7.40 Korrispondenza mingħand 'Environment & Resources Authority' dwar attivitajiet u permessi meħtieġa meta jsiru f'siti li jaqgħu taħt Natura 2000.

4.7.41 Korrispondenza mingħand id-DLG fejn ġejna nfurmati li kaxxa postali numru 62, ser tingħalaq.

4.7.42 Imejl mingħand Dr. Marc Sant fejn infurma li taha r-riżenja tiegħu minn President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.7.43 Imejl mingħand Dr. Sant u Ms. Testaferrata dwar workshop li se jsir fuq Jumejn u ser jaffoka fuq l-iżvilupp ta' proġetti fil-kuntest tal-iżvilupp Sostenibbli.

**Ilmenti mressqa**

Mill-Kunsillier Mario Mercieca:

- Talab li ssir tabella biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb li qed jitħalla fl-area ta' wara l-knisja.
- Hemm bzonn jinqata' xi ħaxix li hemm fuq il-bankini ta' Triq il-Kappillan Hili u Triq il-Ghajn, il-fuq mill-knisja.

**Mis-Sindku**

– Talba sabiex isiru sinjali sofor mal-ġnub tal-garaxx tal-propjeta' tas-Sur Victor Grima mal-propjeta' tad-dar 'Electron', Triq il-Qalb ta' Gesu, Fontana. Il-membri qablu li dawn isiru.

**Ilmenti li dahlu fil-kunsill:**

Ilment li hemm grada fit-triq l-isfel mil-ghajn tal-hasselin u ghalhekk informa lid –Direttur Progetti u Zvilupp sabiex jiġu jirranġawh.

Ilment ieħor li hemm bank fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi li għandu bzonn jitranġa.

**Mil-Kunsillier Horace Micallef-**

Kien sar xi xogħol ta' kisi ta ġebel tas-sejjieħ mal-ħajt ta' fuq l-għajn, u staqsa jekk dan kienx sar mill-kunsill. Is-Sindku qal li fi zmienu ma sarx.

**Mill-Kunsillier Victor Cefai –**

Hemm 'sign' ta' vleġġa l-fuq, fl-art li tinsab faċċata tal-knisja li għandha bzonn tinzebah.

### 4.8.1 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Dwar l-invoice ta' Rapa, l-kunsill ma hax pozizzjoni dwar il-ħlas tal-invoice peress li din ma kinitx giet approvata mill-kunsill.

Is-Segretarja pprezentat ukoll fuq il-mejda kopja tal-hlasijiet li joħorġu mill-petty cash.

Il-membri qablu li il-kont tal-avukat għandu jiġi diferit għal-laqgħa li jmiss sabiex inkunu nistgħu nivverfikawh minħabba li jinkludi kont ta' '*vetting*' tal-Green Mt.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 4 ta' Mejju 2017 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**